MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 276/2002/1

**Josephine Cutajar u Francis Cutajar ghal kull interess li jista' jkollu, kliem mizjud b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Gunju 2002.**
**Vs**
**ARVA Insurance Agency Limited bhala agent f'Malta tas-Socjeta estera Maritime Insurance Company Limited kif surrogata a bazi tal-ligi u tal-polza ta' l-assigurazzjoni fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Strand Enterprises Incorporation, Alberta, Canada.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attrici fit-8 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi bil-mandat ta' qbid numru 596/01MM fl-ismijiet 'ARVA Insurance Agency Limited bhala agent f'Malta tas-Socjeta estera Maritime Insurance Company Limited kif surrogata a bazi tal-ligi u tal-polza ta' l-Assigurazzjoni fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Strand Enterprises Incorporation,

Alberta, Canada vs Francis Cutajar' gew maqbuda l-oggetti msemmija fir-riferta tal-Marixxal;

Illi whud minn dawn l-oggetti huma ta' l-attrici Josephine Cutajar;

Illi l-Marixxal gie immedjatament informat li dawn l-oggetti huma proprjeta ta' Josephine Cutajar u ghamel nota fl-istess riferta dwar dan;

Illi l-attrici naqset milli tissospendi l-prolazzjoni tal-proceduri tas-subbasta stante li ma gietx debitament informata;

Illi l-attrici ipprezentat rikors li permezz tieghu giet sospiza s-subbasta;

Tghid is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-oggetti maqbuda bl-istess mandat ta' qbid imsemmi hawn fuq jappartjenu lill-attrici u ghalhekk ma jistghux jigu maqbuda in ezekuzzjoni tad-debiti tas-socjeta konvenuta 'ARVA Insurance Agency Limited bhala agent f'Malta tas-Socjeta estera Maritime Insurance Company Limited kif surrogata a bazi tal-ligi u tal-polza ta' l-Assigurazzjoni fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Strand Enterprises Incorporation, Alberta, Canada';

2. ghal dan il-motiv tordna r-revoka ta' l-istess mandat ta' qbid;

3. tordna r-revoka tad-digriet li bih gie ordnat il-bejgh bis-subbasta ta' l-oggetti maqbuda fil-mandat imsemmi;

4. tornda c-cessjoni b'effett immedjat tal-bejgh bl-irkant ta' l-imsemmija proprjeta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta nomine minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dana stante illi l-gudizzju mhux integru billi Francis Cutajar, cjoe il-persuna li kontra taghha gie ottenut il-hrug tal-mandat ta' qbid *de quo*, u ghalhekk persuna interessata sew fil-mertu ta' din il-kawza, mhijiex parti f'dawn il-proceduri.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandha jsir il-prova illi l-attrici hija effettivament il-proprjetarja ta' dawk l-oggetti illi hija qeghda tallega illi huma taghha u li gew milquta bl-effetti tal-mandat *de quo.*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici enumerati 2, 3, u 4 ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dana stante illi mhux l-oggetti kollha milquta bl-effetti tal-mandat *de quo* huma allegatament propjeta` tal-attrici u ghalhekk semmai r-revoka tal-mandat ta' qbid *de quo* u tad-degriet li bih gie ordnat il-bejgh bis-subbasta tal-oggetti maqbuda fil-mandat *de quo* ghandha tkun limitata ghal dawn l-oggetti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost stante nuqqas ta' interpellazzjoni da parte tal-attrici, f'kaz illi t-talbiet attrici jigu akkolti l-ispejjes tal-procedura odjerna ghandhom jkunu a karigu tal-attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Gunju, 2002, li in forza tieghu awtorizzat zieda fl-occhio tal-kawza biex wara l-isem tal-attrici jizdiedu l-kliem "u Francis Cutajar ghal kull interess li jista jkollu";

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2002, fejn is-socjeta` konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat ta’ Qbid numru 596/01/MM;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi jirrizulta illi l-attur Francis Cutajar gie kannonizzat debitur tas-socjeta` konvenuta bis-sahha ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta’ Jannar, 2001, wara kawza li ggib in-numru 2135/99. Il-Mandat ezekuttiv inhareg wara li d-debitur ma thallasx l-ammont dovut u inhareg ghall-ammonti ta’ LM9,314.97 sorte, LM807.30 imghax mis-27 ta’ Jannar, 2000, LM802.58 spejjes tal-kawza u LM77.15 Taxxa fuq il-Valur Mizjud; b’kollox il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta kienet ghall-LM11,002. Il-Mandat ta’ qbid ezekuttiv inhareg fis-6 ta’ Marzu, 2001, u l-elevazzjoni kellha ssir fuq *truck* bin-numru GAE-304, u fuq l-ghamara u oggetti ohra li jinsabu fil-fond “St. Lucia”, Antonio Muscat Fenech street, Qormi.

Bis-sahha ta’ dan il-mandat, il-Marixall eleva t-*truck* indikat, kif ukoll is-segwenti bicciet tal-ghamara:

Salott b’hames (5) bicciet ta’ kulur ahmar tal-bellus;
Cocktail cabinet ta’ kulur kannella bil-hgieg u tavolina u pittura kbira;
Vettrina ta’ kulur kannella bil-hgieg;
Kamra tas-sodda li fiha gwardarobba, gradenza u twaletta u komodina ta’ kulur kannella;
Washing machine tal-marka Daewoo;
Fridge ta’ bla marka;
TV tal-kulur tal-marka Stern;
Video Recorder tal-marka Funai;
Gwardarobba ta’ kulur kannella bil-mera fin-nofs, gradenza, tallboy, twalletta u zewg (2) komodini.

Il-Marixall irregistra wkoll li ma sab xejn izjed ta' valur fid-dar u li gie infurmat minn Francis Cutajar li l-affarijiet imnizzla fil-mandat huma tat-tifla tieghu, Josephine Cutajar.

L-attrici, Josephine Cutajar, resqet din il-kawza fejn qed titlob dikjarazzjoni li l-oggetti maqbuda bil-fuq imsemmi mandat jappartjenu lilha. Fil-fatt, pero`, mhiex qed titlob li l-oggetti kollha maqbuda huma taghha, ghax mhux qed titlob tali dikjarazzjoni fil-konfront tat-*truck*, li fil-fatt hu registrat fuq Francis Cutajar, u lanqas fil-konfront tal-kamra tas-sodda elenkata bhala item numru erbgha fil-lista tal-oggetti elevati. Fl-affidavit taghha, l-attrici, fil-fatt, qalet li s-segwenti oggetti huma taghha:

(a) Salott b'hames bicciet ta' kulur ahmar bellus
(b) Cocktail cabinet ta' kulur kannella bil-hgieg u tavolina u pittura kbira;
(c) Vettrina ta' kulur kannella bil-hgieg;
(d) Washing machinetal-marka Daewoo;
(e) Fridge ta' bla marka;
(f) Television tal-kulur tal-marka Stern;
(g) Video Recorder tal-marka Funai;
(h) Gwardarobba ta' kulur kannella bil-mera fin-nofs, gradenza, talboy, twalletta u zewg (2) komodini.

In sosten tat-tesi taghha, l-attrici resqet diversi dokumenti u xhieda biex tindika li dawk l-oggetti indikati huma, fil-fatt, ta' propjeta` taghha. Fir-rigward tas-salott b'hames bicciet, l-attrici esebit ordni li hija kienet ghamlet ghal-istess salott fi Frar, 1990, minghand Zo'diac Furniture. Din l-ordni hija fuq isem l-attrici u hija iffirmata mill-istess attrici. Il-prezz tas-salott kien ta' LM355 u halset deposit ta' LM150 mal-ordni; il-konsenja kellha ssir fl-ahhar ta' Mejju tal-1990.

Fir-rigward tal-*items* (b) u (c) u cioe`, il-*coctail cabinet* ta' kulur kannella bil-hgieg u l-vettrina ukoll ta' kulur kannella bil-hgieg, l-attrici kkonfermat li dawn kienet taghthomla zijitha, Nazzarena Calafato. Din ukoll ikkonfermat li dawn l-oggetti kienu fid-dar ta' ommha, u meta din mietet,

qasmu l-ghamara u dawn iz-zewg bicciet kienet taghthom lill-attrici.

Ghar-rigward tal-*washing machine* tal-marka Daewoo, l-attrici ma ppresentat ebda ricevuta, izda biss reklam tal-magna bil-kitba fuqha ”Mary Camilleri – Birgu: *To* Josephine LM60”. Din ma tantx hija prova tal-akkwist da parti tal-attrici, pero`, hija stess ikkonfermat li l-magna xtratha hi, u fid-dawl tac-cirkustanzi, mhux inverosimili li l-attrici tixtri *washing machine* hi, specjalment darba li baqghet tghix fid-dar ta’ ommha. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Cassar vs Psaila”, decisa fil-31 ta’ Jannar, 2003, “Fi kwistjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja”. Il-verosimiljanza ta dak allegat ittiehed bhala sostenn tal-versjoni ta’ parti fil-kawza “Cassar vs Galea”, decisa ukoll minn din il-Qorti fis-27 ta’ Gunju, 2002.

Ghar-rigward tal-items indikati taht (e) u (h) u cioe`, il-*fridge* bla marka, il-gwardarobba, gradenza, talboy, twaletta u zewg komodini, l-attrici wriet li dawn l-affarijiet kollha, hlief ghal-gradenza, kienet taghthomla ohta, Evelyn Azzopardi, u ppresentat kopja ta’ dokument datat 20 ta’ Jannar, 1991 fejn l-istess Evelyn Azzopardi kienet iddikjarat li tat dawk l-oggetti lill-ohta. L-istess Evelyn Azzopardi spjegat li hija mizzewga u kienet xtrat post *furnished* biex tmur toqghod fih; peress li hafna mill-ghamara hi ma riedithix, hi taghtha lill-attrici. Il-gradenza, pero’, ma tissemma imkien fil-listi tal-oggetti li Evelyn Azzopardi tat lill-attrici u, kwindi, l-Qorti ghandha tikkonkludi li l-gradenza ma kienetx mill-fost l-ghamara li l-attrici hadet minghand ohta.

Dwar it-*television* tal-kulur, l-attrici esebit ricevuta datata Marzu, 1988, li turi li kienet xtrat l-oggett mill-hanut “Telly Mike” f’Haz-Zebbug. Din l-ircevuta hija fuq isem l-attrici u hija konferma li t-*television* gie mixtri minnha.

L-ahhar oggett huwa l-*video recorder* mnizzel bhala item (g) mill-attrici. Dwar dan l-attrici esebit ricevuta datata

Awissu, 1989 li turi l-akkwist tal-*video recorder* minghand il-hanut ta' certu Joe Grech f'Hal Qormi. Din l-ircevuta ma jidhirx li originarjament kienet mahruga fuq isem l-attrici, pero`, anke hawn, fuq bazi ta' probabilita` u verosimiljanza, din il-Qorti jidhrilha li dan l-oggett gie mixtri mill-attrici. Mhux probabli li anzjan ta' 70 sena jithajjar jixtri *video recorder*, u la darba din il-Qorti ma gietx murija li Francis Cutajar, ghalkemm anzjan, ghanu propensita` li jinnavika f'oggetti elektronici moderni, l-probabilita` hi li din il-magna giet mixtrija mill-attrici.

Kollox ma kollox, din il-Qorti, jidhrilha li mill-assjen tal-provi, l-attrici rnexxielha tipprova li l-oggetti minnha indikati fl-affidavit taghha, eskluz il-gradenza, jappartjenu lilha u mhux lid-debitur missierha.

Milhuqa din il-konkluzzjoni, din il-Qorti ma tistax, pero`, tilqa t-tieni, it-tielet u r-raba talba attrici, u dana peress li l-mandat ta' qbid in kwistjoni mhux null fih innifsu. Is-socjeta` konvenuta kellha kull dritt, wara s-sentenza li otteniet, li titlob il-hrug ta' mandat ezekuttiv u li titlob l-esekuzzjoni tieghu fir-residenza tad-debitur. Li kien imessa talbet l-attrici kien ir-revoka <u>tal-esekuzzjoni</u> tal-mandat in kwantu tolqot l-oggetti proprjeta` taghha. Hekk tesigi l-gurisprudenza, li trid ukoll li d-debitur jitpogga fil-kawza bhala konvenut flimkien mal-kreditur (ara "<u>Spiteri vs Perry</u>", decisa minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994; "<u>Formosa vs Grech</u>", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Mejju, 1979, u "<u>Talio vs Komarzynic</u>", decisa minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999).

Din il-Qorti ma tistax thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Qbid numru 596/01 ghax dan, fih innifsu, hu validu, u lanqas, ghal-istess raguni, ma tista' thassar id-digriet li bih gie ordnat il-bejgh bis-subasta tal-oggetti maqbuda, ghax dan id-digriet hu fih innifsu validu u, fuq kollox, jirreferi wkoll ghall-oggetti li ma jirrizultawx li huma tal-attrici (it-*truck*, il-kamra tas-sodda u l-gradenza), u li, kwindi, fil-konfront taghhom, il-procedura tas-subasta kienet valida u tista titkompla.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti, li hi marbuta li tiddeciedi a bazi tal-kawzalijiet kif dedotti u xejn izjed (ara "Azzopardi vs Azzopardi", decisa minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003), ma tistax tilqa it-tieni, it-tielet u r-raba talba, izda tippronunzja ruhha biss fuq l-ewwel talba u tispera li l-partijiet jirregolaw ruhhum fir-rigward tal-proceduri ulterjuri li jistghu jittiehdu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara li s-segwenti oggetti elevati bis-sahha tal-mandat ta' qbid numru 596/01, huma proprjeta tal-attrici, u cioe`,
(a) Salott b'hames bicciet ta' kulur ahmar bellus
(b) Cocktail cabinet ta' kulur kannella bil-hgieg u tavolina u pittura kbira;
(c) Vettrina ta' kulur kannella bil-hgieg;
(d) Washing machine tal-marka Daewoo;
(e) Fridge ta' bla marka;
(f) Television tal-kulur tal-marka Stern;
(g) Video Recorder tal-marka Funai;
(h) Gwardarobba ta' kulur kannella bil-mera fin-nofs, talboy, twalletta u zewg (2) komodini,
u tichad l-istess talba ghar-rigward tal-oggetti l-ohra elevati bis-sahha tal-istess mandat (cioe`, it-truck numru GAE-304, il-kamra tas-sodda li fiha gwardarobba, gradenza, twaletta u komodina ta' kulur kannella, u l-gradenza l-ohra), u, wara li tilqa it-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, tghaddi biex tichad it-tieni, it-tielet, u r-raba talbiet attrici kif dedotti.

L-ispejjes tal-kawza, fic-cirkostanzi (peress li gew michuda tlieta mill-erba talbiet attrici, u peress li l-attrici ma ippruvatx tikkomunika mas-socjeta` konvenuta u turihom il-provi li kellha f'idejha) jithallsu kollha mill-attrici Josephine Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------